MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 812/2006

**Tiger Brand Limited**

**Vs**

**Carmelo Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Settembru, 2006 fejn talbu illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira u tmenin centezmu (Lm234.80) rapprezentanti valur ta' merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut kif jirrizulta minn dokument esebit u mmarkat Dok A.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ingrid Spiteri Bailey li bil-gurament taghha kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta’ mitejn u erbgha u tletin lira u tmenin centezmu (Lm234.80) bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar, 2006 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------